GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 11 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru 2009, fil-5.30 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash
   b) Skeda ta' Ħlas Diċembru 2009
   c) Rapport Lulju – Settembru 2009
5. Comenius Project;
6. Impjant Rock Cut;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduta Nru 10 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Fil-Laqgha Nr. 9 is-Sinjura Agius żiedet is-sentenza "Il-Kunsill qabel li dawn il-ħlasijiet jibdew isiru fil-ġranet kollha mill-1 ta' Jannar 2010".

Dwar item 3.1.9 ta' l-aħħar laqgħa fit-tieni paragrafu għanda tiżdied is-sentenza "Filwaqt li tlett kunsilliera vvotaw favur li t-toqob għan-nar ma jitħaffrux mill-Kunsill, is-Sindku ivvota kontra".

Dwar item 3.1.25 Schembri Infrastructures infurmaw lis-Sindku li ser ikomplu ix-xogħol tat-toroq. Il-Viċi Sindku qal li aħjar Schembri Infrastructures jibagħatulna bil-miktub li ser ikomplu t-toroq. Is-Segretarju qalet li ser tikteb lil dan il-kuntrattur dwar dan.

Dwar item 6, irċevejna Avviż ta' smiegħ fis-16 ta' Jannr 2010, fuq is-sekwestru li sar minn Dr. Ivan Sammut. Dwar dan is-Sindku qal li waqt li ġie deċiż mill-qorti li Dr. Ivan Sammut ma kellu l-ebda dritt jagħmel dan is-Sekwestru.

**<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rċevejna Stedina għall-Djalogu mal-Prim Ministru, li din saret fl-14 ta' Diċembru, 2009, ġewwa l-Berġa ta' Kastilja. Mid-Dipartiment infurmawna bl-Allokazzjoni 2010 li hija ta' €293,665, assenjata lill-Kunsill. Mid-Dipartiment rċevejna reminder dwar l-Skemi dwar ġbir ta' skart separat.

   Irċevejna wkoll Memo 83/2009, li tittrata dwar Proġetti u Inizjattivi dwar Enerġija Rinnovabbli – PQ 12652 u 12660, fejn din ġiet imwieġba. Memo 84/2009 dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-Sena 2010 li b'kollox flus lill-Kunsilli ser jingħataw is-somma ta' € 30,010,000. Irċevejna Memo 85/2009 dwar il-Posta Elettronika għal kull Kunsillier. Irċevejna Memo 86/2009 rigward il-*Performance Bonus*, sabiex dan jiġi maħdum f'Jannar, 2010. Memo 87/2009 dwar Kuntratti minn Kunsilli Lokali mal-Iskema għall-Ġbir ta' Skart Separat. Memo 88/2009 Dwar Seminar Dwar il-Ligi il-Ġdida.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rċevejna il-Programm għal bdil ta' Awguri għall-ewwel tas-sena 2010. Irċevejna wkoll dwar Kalendarji ta' *Food Safety Week.*

3. Mingħand il-Bord ta’ l-Evalwazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, nfurmaw li l-applikazzjoni li ġiet sottomessa mill-Kunsill dwar l-Iskema Fondi għall-Progetti Speċjali ma ġietx ikkunsidrata. Intbagħatet e-mail lill-istess Bord sabiex il-Kunsill jkun mgħarraf għaliex tali applikazzjoni ma ġietx aċċettata.Dwar din l-applikazzjoni il-Viċi Sindku qal li għandna dritt inkunu nafu għaliex ma ġetx aċċettata. Is-Segretarju qalet li hi kitbet lill-Bord biex inkunu nfurmati għaliex ma ġietx aċċetata iżda bqajna mingħajr risposta. Mingħand Onor. C. Said irċevejna dwar il-Konferenza ta’ l-ECAD li ser issir f’April li ġej. Mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru rċevejna dwar il-programm ICT-PSP u wkoll sabiex jinfurmaw li fit-8 ta’ Jannar, 2010, se ssir il-preżentazzjoni tal-liġi l-ġdida tal-Kunsilli Lokali, irċevejna wkoll il-program.

4. Mill-M.E.P.A., irċevejna Applikazzjonijiet ġodda għal-permess ta’ żvilupp Nru. PA 5023/09 se jibni garaxxijiet u appartamenti fi Triq il-Merill u PA 5109/09 biex jgħamel tibdil fid-dar fi Triq il-Gistakor. Applikazzjonijiet ġodda bin-numru PA 5077/09 fil-Bypass għal terraced house.

   Mill-Bord ta’ l-Appell dwar is-smiegħ ta’ l-appell li ser issir fit-13 ta’ Jannar, 2010, fis-2.15p.m. ta’ Triq Ħal Tarxien, fejn kien ser isir impjant ta’ li skart.

5. Mill-Kumitat Konġunt dwar is-Seduta tal-Bord ta’ l-Appell rigward is-sekwestru fuq ir-rikors tar-revoka tal-mandat. Mill-Qorti Ċivili nfurmaw li nġibdu l-flus mill-HSBC kif ukoll tal-BOV.

6. Mingħand il-Perit il-kont dwar l-ewwel fażi tal-Kostruzzjoni tal-*Football Pitch & Recreational Area* fil-*Housing Estate*.

7. Mill-Għaqda Mużikali Sta. Marija rċevejna stedina lis-Sindku, Kunsillieri u s-Segretarju għal Programm Mużikali Annwali li ser isir fis-27 ta’ Diċembru, 2009.

8. Mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp stedina għall-Kunċert tal-Milied, lill-Kunsillieri fit-23 ta’ Diċembru, 2009.

9. Miċ-Ċentru Laburista ta’ Ħal Għaxaq stedina għal bibita’ fid-19 ta’ Diċembru, 2009, lill-Kunsillieri u Staff tal-Kunsill.

10. Mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun stedina lill-Kunsill għal Kunċert tal-Milied 2009.

11. Mill-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista – Għaxaq, fejn stiednu lis-Sindku, Kunsillieri u Segretarju għal riċeviment fit-22 ta’ Diċembru, 2009.

12. Mill-Fondazzjoni GAL Xlokk fejn bagħatu l-Agenda ta’ AGM li saret fl-14 ta’ Diċembru, 2009. Irċevejna stedina lis-Sindku għal Seminar fuq il-Programm Leader fil-21 ta’ Diċembru, 2009.

13. Mingħand is-Sur Bajada tal-WasteServ Malta Ltd. dwar *Rebate Benefit*. Is-Sindku qal li filwaqt li n-nies iridu li skips, l-aħjar li dawn jekk jibqgħu minnhom jitpoġġew f’postijiet fejn ma jidrhux ħafna minħabba li l-Kunsill qed iħallas għal spejjez ta’ materjal li qiegħed jintrema minn nies li mhumiex tal-lokal. Is-Sur Abdilla staqsa jekk il-Kunsill bagħatx is-Survey li kellu jintbagħat biex nieħdu l-opinjoni tan-nies. Is-Sindku qal li s-Survey jeħtieg jitqassar għax twil wisq. Ġie deċiz ukoll li jiġġedded il-kuntratt għal tlett xhur oħra mal-kuntrattur ta’ l-iskips.

14. Mingħand Maria Pia Chricop dwar *Trian-The-Trainer Course*.

15. Mingħand is-Segretarjat tal-Partit Laburista, stedina lis-Sindku għall- okkażjoni ta' l-Ewwel tas-Sena, fiċ-Ċentru Laburista, l-Ħamrun.

16. Mill-Kunsill għax-Xjenza u Teknoloġija, dwar *Science in the Community*. Dawn ser jorganizzaw Science Day f'sitt Kunsilli Lokali.

17. Mill-Uffiċċju Parrokkjali rċevejna stedina għal Kunsill kollu u l-istaff għal riċeviment fl-4 ta' Jannar, 2010.

18. Mingħand is-Sur Abela, fejn infurma li bir-riforma li ser issir fit-Trasport Pubbliku, ser tittieħidlhu biċċa art fi Triq Għar Dalam.

19. Mill-Kumitat Konġunt ta' LES rċevejna r-Rapport għal Ottubru'09.

20. Mill-MCCA għarrfuna dwar Presepji għall-wiri fil-Kompetizzjoni Nazzjonali.

21. Mill-Kunsill Lokali ta' M'Xlokk rċevejna dwar l-attivita' li ser issir "Tislima lis-Sena 2009", fis-27 ta' Diċembru, 2009, mill-10:30 a.m.

22. Mingħand *Discern* infurmaw li niedew xi kotba dwar l-Ambjent, dawn qed jinbiegħhu € 5.00 il-wieħed.

23. Mingħand *St.Benild School* dwar il-*Malta Yearbook* li jkopri s-snin 2008 u 2009. Dan qed jinbiegħ għal prezz ta' € 12.00.

24. Minghand il-Leon Promotions informazzjoni dwar x'qed joffru għal karnival 2010. Is-Sindku qal li Leon Promotions ser iġibu banda Svizzera u l-Kunsill jista jġib din il-Banda fil-lokalita' ta' Ħal Għaxaq għal spiża ta' €500 + VAT. Din il-banda tiġi nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2010 iddoqq għal siegħa u ddur mar-raħal. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill qabel ukoll li jitħallsu l-ispejjez tat-trasport għaż-żeffiena Għaxqin li se jieħdu sehem fil-karnival meta dawn imorru barra mir-raħal. Is-Segretarju qalet dan isir jekk mhux kontra il-liġi.

25. Talba biex il-Kunsill jesprimi sabiex isir Gemellagg intbaghat il-Bulgarija biex naraw humiex interessati jew le.

26. Aviżż ta' smigħ fis-16 ta' Frar il-kawża bejn Dr. Ivan Sammut u Kunsill Żejtun.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet ittra liċ-Chairman tal-Kumitat Konġunt, peress li l-Kunsill ried ikun jaf minn mindu l-membri ta' l-istess kumitat qed jitħallsu meta jmorru għal laqgħat. Irċevejna risposta

b) Intbagħatet e-mail lil *Schembri Infrastructures Ltd.,* sabiex jiġu nfurmati li l-Kunsill ma jaqbilx mar-reviżjoni li għamlu dwar il-prezz ta' l-asfalt tat-toroq. Infurmajna lill-Avukat tal-Kunsill jekk dawn jistghux jgħollu l-prezzijiet għall- asfalt tat-toroq mhux kif stipulata fit-tender.

c) Intbagħatet ittra lill-Għaqdiet kollha Lokali, sabiex jiġu mgħarrfa li l-Kunsill ma jistax jagħmel donazzjonijiet taħt l-ebda ċirkostanza skond kif inhu stipulat f'Artikolu 63 A.

d) Lill-A.D.T  sabiex jiġi approvat double yellow line fuq iż-żewġ naħat fi Sqaq San Pietru li qiegħed fi Triq San Pawl. Ittra oħra lill-A.D.T. dwar l-istat ħażin li tinsab fih il-Bypass ta' Ħal Għaxaq, fejn dawn wieġbu li x-xogħolijiet neċessarji ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin.

e) Ittra lis-Sur R. Zammit sabiex jiġi nfurmat li Triq Ġdida fi Triq il-Belt Valletta li għaliha bagħat ittra rigward l-istat ħażin li tinsab fih ser tiġi nkluża fil-programm ta' toroq li ħejja l-Kunsill.

f) Intbagħatet ittra lill-Għaqda Mużikali San Ġużepp għat-talba li kienu għamlu sabiex in-nar ta' l-art jibda jsir minn Triq il-Belt Valletta minflok fuq St.Rokku, fejn ġew mgħarrfa li sabiex dan isir in-nar irid jintrama mill-Ħamis filgħodu u jiżżarma mill-Ħadd filgħaxija, u jrid ukoll jitħalla aċċess għal vetturi.

g) Intbagħatet e-mail lill-avukat sabiex ikun preżenti għal laqgħa li ser isir ma' l-Ing. Runco rigward l-impjant taż-żejt.

h) Intbagħatet e-mail lil Ms. Degiorgio minn Faces  Ltd. rigward il-Bus Shelter.

i) Lis-Sur Peter Vella tal-WasteServ, sabiex jagħtina ndikazzjoni ta' kif ser nibqgħu rigward l-*Underground Bring-In-Sites*, peress li l-proġett wasal fil-fażi finali tiegħu.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Diċembru u li kienu jammontaw għal €51.83  Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Agius.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Dicembru 2009*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Dicembru 2009 u li jammontaw għal €24,098.42.  Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġie sekondat mis-Sur Attard. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.1.3 *Rapport tat-tieni kwart tas-Sena:* Il-Viċi Sindku qal li l-Kumitat tal-Finanzi ltaqa u saret diskussjoni dwar ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena Finanzjarja li tkopri x-xhur Lulju sa' Settembru 2009.

Is-Sur Abdilla poġġa kopja tal-Minuti tal-Finanzi u ppropona li l-Minuti tal-Kumitat jkunu adottati mill-Kunsill. Issekonda l-Kunsillier Agius u l-Kunsill qabel.

**5. Comenius Project**

Is-Sindku qal li s-Surmast ta' l- Skola Primarja ser iġib Malta grupp ta' 25 għalliem bejn is-17 u 25 ta' April 2010. Is-Surmast qed jitlob li l-Kunsill jospita lill dawn l-għalliema għal ikla darba filgħaxija. Is-Sur Abdilla qal li hu jaqbel li l-Kunsill jospita lill dawn l-għalliema b'ikla kemm il-darba din ma tkunx bi ksur tal-liġi tal-Kunsilli. Il-Kunsill qabel.

**6. Impjant Rock Cut**

Is-Sindku qal li l-Kumpanija Rock Cut għamlet applikazzjoni għal garaxxijiet għal storage iżda issa rriżulta li din il-Kumpanija għamlet impjant tar-Ready Mix. Is-Segretarju kitbet f'isem il-Kunsill liċ-Chairman tal-MEPA, iżda ma smajna xejn mingħandu. Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar tinfetaħ kawża ta' nibizzjoni. Qal ukoll li jkun aħjar li tinfetaħ kawża legali kontra l-kumpanija Rock Cut kif ukoll kontra l-MEPA sabiex is-silos jitneħħew. Is-Sindku qal li issa nkellmu l-avukat tal-Kunsill biex jieħu passi kontra r-Rock Cut. Il-Kunsill qabel.

**7. Suġġerimenti mill-Kunsillieri**.

a) Is-Sindku qal li rċevejna l-kont mingħand il-Perit Marvin Ellul ta' Phase 1 tal-proġett tal-grawnd fil-Qasam tad-Djar f'Ħal Dmikki. Il-Viċi Sindku staqsa jekk ix-xogħol kienx ġie ċċertifikat mill-Perit. Is-Sindku qal li dan ma jkoprix il-proġett kollu u kien ser jistaqsi lil Perit biex jara jekk il-kont jaqbilx mat-tender li kien ippreżentat mill-Kumpanija Barbros u jekk dan ix-xogħol ġiex iċċertifikat għax il-Kunsill ma rċieva l-ebda ċertifikat. Il-Kunsill qabel.

b) Is-Sindku qal li hemm arblu tad-dawl Valletta Road li jeħtieġ li jiġi trasferit fejn il-Kappella ta' Santu Kristu. Il-Kunsill qabel.

c) Is-Sinjura Agius qalet li ħafna mill-patching li qiegħed isir, qed jitfarfar u qiegħed jinqala ż-żrar. Is-Sinjura Agius staqsiet ukoll meta ser jitkompla l-asfaltar tat-toroq. Is-Sindku qal li ser jara x-xogħol tal-patching u qal ukoll li t-toroq ser jitkomplew wara l-ewwel tas-sena

d) Is-Sindku qal li skip fi Triq Gużeppi Gravina ġiet maħruqa minn individwi u sar rapport lill-pulizija.


15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

e) Is-Sur Abdilla qal li nies ilmentaw li l-grawnd mhux kbir biżżejjed biex tintlagħab il-lobgha five aside għax żgħir. Dan il-grawnd jistgħu jilgħabu fih under 12 skont l-MFA.

f) Is-Sinjura Agius staqsiet x'inhuma l-ħofor li hemm ġo Labour Avenue. Is-Sindku wieġeb li dawn tħaffru minn nies tal-Go u suppost se jiġu jirranġawhom.

**8. <u>Aġġornament</u>**

Fit- 8.15 p.m is-Sindku aġġorna s-Seduta għal nhar il-Hamis 21 ta Jannar 2010 fl-5.30pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- il-Hamis fl-5.30pm.